MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 540/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Daniel Apap.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Daniel Apap, bin Victor u Angela nee Vella, imwieled tal-Pieta' fil-21 ta' Frar 1993 u joqgħod 38 'Merħba' Triq Amleto Spiteri Qormi u li għandu n-numru tal-identita' ID 100693 (M).

Akkużat talli fit-23 t'April, 2012, għall-ħabta tat-03.00 fi Triq l-Avjazzjoni, Gudja u f'dawn il-Gżejjer:

(1) Saq il-vettura numru CAR -555 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta taħt dik il-kategorija speċifikata biex isuq l-imsemmija vettura;

(2) Saq vettura numru CAR-555 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(3) Bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju mill-vettura CAR-555 saq l-imsemmija vettura kemm b'forza mekkanika jew b'mod ieħor u naqas li jkollu permess tas-sid jew awtorita' kompetenti oħra;

(4) U aktar meta kien mitlub mill-Pulizija naqas li jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan skont il-Liġi;

(5) Kif ukoll naqas li jipproduċi l-polza ta' assigurazzjoni tal-imsemmija vettura Nru CAR-555 fiż-żmien skont il-Liġi.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li l-imputat jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu xi liċenzja tas-sewqan għal mhux anqas minn tnax-il xahar.

Rat is-sentenza tat-13 ta' Novembru, 2012 li fiha l-Qorti lliberat lill-appellant mit-tielet, mir-raba' u mill-ħames imputazzjonijiet peress li dawn ma rriżultawx u sabet lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u sitt mitt Ewro fqu medda ta' sentejn b'dan illi jekk jonqos pagament wieħed l-ammont kollu jkun dovut, waqt li skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien sena mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant li fih l-aggravju huwa dwar it-tieni akkuża. L-appell huwa dwar punt ta' dritt. L-appellant irrefera għall-artikolu 3(1) u l-artikolu 10 tal-Kap 104. Il-pożizzjoni legali hi li jekk vettura jkollha polza ta' assigurazzjoni maħruġa dwar l-użu tagħha, allura l-assiguratur hu obbligat li jindennizza lill-innocent third party. Li kieku l-appellant kien involut f'inċident stradali, t-terz kien ser ikollu kull dritt li jiġi indennizzat mill-assikurazzjoni tal-vettura minsjuqa minn Daniel Apap. Din il-pożizzjoni hija msaħħa wkoll b'dak li jipprovdi l-artikolu 12(3) tal-Kap 104. Fuq dan l-artikolu, b'mod partikolari fuq is-sub-paragrafu li jidher hawn taħt:

‘(b) persuni li ma jkollhomx liċenzja li tippermittilhom isuqu l-vettura bil-mutur in kwistjoni.’

l-appellant jikkummenta hekk:

‘Iżda jingħad bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, fiż-żewġ sentenzi ‘Scuderi’ u ‘Andre Apap’ sfuġġielhom l-aktar artikolu tal-Liġi rilevanti l-artikolu 12(3) tal-Kap 104. Illi fid-dawl ta’ dak li jgħid la-rtikolu 12(3) tal-Kap 104, l-appellant odjern kellu ċeritifkat tal-assigurazzjoni validament maħruġ favuirh dwar l-użu tiegħu tal-vettura, u dana billi ex lege l-polza tal-assigurazzjoni tiqies bħala valida minkejja li min ikun qed isuq il-vettura ma jkollux liċenzja tas-sewqan.

Illi kuntrarjament għal dak li qalet din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza ‘Il-Pulizija versus Andre Apap’, dak li jrid l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 hu li għall-użu tal-vettura, jkun hemm fis-seħħ polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni.’

L-appellant talab konferma tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn din illiberat lill-appellant mit-tielet, mir-raba’ u mill-ħames imputazzjoni u fejn sabitu ħati tal-ewwel akkuża, iżda li għandha tkun revokata dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati tat-tieni akkuża . Intalbet ukoll riforma fil-piena.

L-appellant jissottometti wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta ċċitat is-sentenza‘Il-Pulizija kontra Andre Apap’ u dana billi fil-każ odjern fid-data inkriminata kien hemm fis-seħħ polza ta’ assigurazzjoni li tkopri l-vettura misjuqa mill-appellant.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Ikkonsidrat

Li mix-xhieda ta’ Stephen Cachia, amministratur fid-direttorat tat-trasport, jirriżulta li l-appellant m’għandu ebda liċenzja tas-sewqan.

Mill-affidavits ta' PC 1801 J Farrugia u PC 834 Johann Vella jirriżulta li fit-23 t'April, 2012 għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu kienu raw vettura tal-għamla Mercedes Benz ta' kulur griż CAR 555 misjuqa b'veloċita'. Is-sewwieq ma kellux fuqu liċenzja tas-sewqan iżda qal li din kienet id-dar.

Il-karozza kienet reġistrata fuq isem missier is-sewwieq Il-Pulizija talbu lis-sewwieq biex imur l-għassa u jurihom li għandu liċenzja tas-sewqan. Kemm omm l-appellant kif ukoll l-appellant ikkonfermaw li l-appelalnt ma kellux liċenzja tas-sewqan.

Skont iċ-ċertifikat tal-insurance li qegħda fuq missier l-appellant, kull sewwieq li għandu 'l fuq minn 25 sena huwa kopert. (fol 4).

Skont id-dokument a fol 7 ma nstabet ebda liċenzja f'isem l-appellant.

L-appellant twieled fil-21 ta' Frar 1993 u għalhekk meta seħħ l-inċident fit-23 t'April, 2012 huwa kellu tmintax-il sena xahrejn u jumejn. Għalhekk l-appellant kellu anqas minn 25 sena.

Illi fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Andre' Apap' il-Qorti kienet qalet hekk:

'Ghar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra rriskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Din il-Qorti ma taqbilx maddistinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi**, **Il-Pulizija vs Stefan Apap**, u **il-Pulizija vs Charles Galea** u oħrajn dwar meta tiskatta l-preżunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: il-preżunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jġibx prova

kuntrarja billi juri certifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tiġi rikonċiljata permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap għaliex iz-żewġ dispożizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jiġri fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-riżarċiment mill-assikurazzjoni għal xi responsabbilta' għal dejn ċivili li għandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pożizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u ċioe' li fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-

Kap 104 kemm-il darba l-akkużat ma jgibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) jiġi preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni'

Din il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni tal-Kap 104. Dan il-Kap jirregola r-reat Kriminali u l-obbligi ċivili tas-soċjetajiet tal-assigurazzjoni. Jekk wieħed jeżamina dan il-Kap sew, għandu jirriżulta li l-ewwel artikolu għandu x'jaqsam mat-titolu, it-tieni artikolu mad-definizzjonijiet, u t-tielet artikolu mal-aspetti kriminali. L-artikoli l-oħra huma jew ta' natura amministrativa (ara, per eżempju, l-artikolu 7) jew ta' natura ċivili b'mod parikolari x'għandha tkopri polza ta' assigurazzjoni.

**Ir-referenza li qed jagħmel l-appellant għas-sub-paragrafu (b) tas-subinċiż (3) tal-artikolu 12 ma jbiddel xejn minn din ir-realta'**. Fis-sentenzi msemmija qabel kif ukoll f'dik li ttieħdet is-silta t'hawn fuq minnha, ma kien hemm ebda raġuni għala l-Qrati kellhom jikkonsidraw x'jgħid l-artikolu 12(3)(b) għaliex dan m'għandu x'jaqsam xejn mal-obbligu impost bl-artikolu 3 li kull persuna li ssuq karozza għandha tkun koperta bl-assigurazzjoni. L-obbligu li s-sewwieq ikun personalment assigurat, ai fini tal-artikolu 3, qiegħed hemm, ukoll jekk il-leġislatur ipprova jaħseb għal kull possibilita' li xi assigurazzjoni tipprova ma tkoprix xi kumpens ċivili li jista' jinqala'. Dawn l-artikoli ċivili jew amministrattivi tal-kap 104, huma intiżi sabiex jipproteġu lill-vittma u mhux biex jeħilsu lis-sewwieq mill-obbligu tiegħu taħt l-artikolu 3 li jkun personalment assigurat. Is-soċjetajiet tal-assigurazzjoni huma marbuta b'dawn il-kondizzjonijiet iebsa, anzi saħansitra li jekk idaħħlu ċerti kundizzjonijiet, dawn il-kundizzjonijiet għal kull fini ta' azzjoni ċivili, jitqiesu bħala 'pro non scripta' biex żgur il-vittma jitħallas. Tant is-sewwieq huwa obbligat li jkun kopert personalment b'assigurazzjoni l-artikolu 7 jipprovdi dan li ġej:

'**7.** Il-persuna li titlob liċenza jew it-tiġdid ta' liċenza għal vettura bil-mutur għandha ġġib prova kif jiġi stabbilit illi jew-

(*a*) li fid-data meta l-liċenza jibda jkollha effett tkun isseħħ il-polza ta' assigurazzjoni meħtieġa **għall-użu tal-vettura mir-rikorrent jew minn persuni oħrajn b'ordni tiegħu jew bil-permess tiegħu;**

inkella

(*b*) li l-vettura hija waħda li għaliha jgħodd l-artikolu 3(4).'

Ma jistax wieħed jirraġuna li minħabba l-liġi hijs stretta fuq l-assigurazzjonijiet, allure ma jissusistix ir-reat kriminali.

Mill-provi jirriżulta li l-appellant ma kienx assigurat minħabba li huwa kellu anqas minn 25 sena fil-jum tas-sewqan u l-polza ta' missieru kienet tkopri biss sewwieqa ta' 'l fuq minn 25 sena.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-13 ta' Novembru 2012 fl-intier tagħha bil-multa pagabbli fuq medda ta' sentejn. Jekk jonqos xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------